



**KUNSILL
TAL-UNJONI EWROPEA**

**Brussell, 19 ta' Ġunju 2013 (25.06)
(OR. en)**

11259/13

SOC 514

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/KUNSILL
Nru dok. preċ.:	8045/13 SOC 208
Suġġett:	Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema - Ħatra tas-Sur Mark JACOBS, membru supplenti għall Pajjiżi l-Baxxi, minflok is-Sinjura Cristel VAN Tilburg li rriżenjat

1. Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill ġie infurmat bir-riżenja tas-Sinjura Cristel VAN TILBURG, bħala membru supplenti fil-Kumitat imsemmi hawn fuq fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern (għall-Pajjiżi l-Baxxi).
2. Skont l-Artikolu 27 tar-Regolament (KEE) Nru 1612/68 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan il-Komunità, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill.

3. F'konformità mal-proċedura tas-soltu, il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi nnomina lill-kandidat li ġej għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-24 ta' Settembru 2014:

Is-Sur Mark JACOBS
Viċi Kap tad-Dipartiment tal-Affarijiet Ewropej
PO Box 90801
NL-2509 LV DEN HAAG
Tel: +31 70 333 4521
Telefon ċellulari: 31 6 5283 3242
Indirizz elettroniku: *mjacobs@minszw.nl*

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mitlub jikkonsulta lill-Kunsill biex:

- (a) jadotta, bħala punt "A" , id-Deċiżjoni tal-Kunsill mehmuża li tissostitwixxi membru supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema, u
- (b) jordna l-pubblikazzjoni tad-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

ta'

li tissostitwixxi membru supplenti tal-
Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1612/68 tal-15 ta' Ottubru 1968 dwar il-libertà tal-moviment għall-ħaddiema fi ħdan il-Komunità¹, u b'mod partikolari l-Artikoli 26 u 27 tiegħu,

Billi:

- (1) Fid-Deċiżjoni tiegħu tal-4 ta' Ottubru 2012², u tal-20 ta' Novembru 2012³, il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema għall-perijodu li jintemm fl-24 ta' Settembru 2014.
- (2) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sinjura Cristel VAN TILBURG, sar vakanti s-siġġu ta' membru fil-kategorija tar-rappreżentanti tal-gvern.
- (3) Il-Gvern tal-Pajjiżi l-Baxxi ppreżenta nomina għall-post vakanti,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ ĠU L 257, 19.10.1968, p. 2.

² ĠU C 302, 6.10.2012, p. 1.

³ ĠU C 360, 22.11.2012, p. 4.

Artikolu 1

Is-Sur Mark JAKOBS hu b'dan maħtur membru tal-Kumitat Konsultattiv dwar il-Moviment Liberu tal-Ħaddiema minflokis-Sinjura Cristel VAN TILBURG għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fl-24 ta' Settembru 2014.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi

Għall-Kunsill

Il-President

=====